MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 449/2004

**Ignazio Anastasi Limited**
**vs**
**Roger Mangion ezercenti l-kummerc taht l-isem Bella Vista Ironmongery**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Frar, 2004, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u wiehed u hamsin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm451.52), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut mis-socjeta` attrici (Dok.A).**
**Bl-ispejjez, u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-15 ta' Settembru, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma**

**deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u wiehed u hamsin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm451.52) bl-imghaxijiet legali mill-5 ta' Ottubru, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------